# Il-Kummerċ Ġust u l-WorldFest

Intervista ta' Stefan Cachia għal *Il-ĠENSillum*
Tweġibiet ta' Adrian Grima, membru tal-Koperattiva Kummerċ Ġust

*Biex tidher fil-ħarġa tas-Sibt, 9 ta' Mejju, 2009*



It-tema tal-festival tal-Kummerċ Ġust, WorldFest, organizzat mill-voluntiera tal-Koperattiva Kummerċ Ġust (KKĠ), hija "Kieku l-Ikel Jitkellem." Dan il-festival se jsir nhar is-Sibt, 9 ta' Mejju, mill-10.00am sal-10.00pm, fi Ġnien l-Indipendenza (l-Exiles), Tas-Sliema.

1. X'inhi l-WorldFest?

WorldFest hija festival li jiċċelebra l-Kummerċ Ġust u l-impenn tagħna favur dinja iktar ġusta u tittella bi sħab ma' organizzazzjonijiet oħrajn Maltin u ġieli barranin li jaħdmu fil-qasam tal-ġustizzja soċjali u l-iżvilupp verament sostenibbli.

Dan il-festival, li issa wasalna fit-tmien edizzjoni, nagħmluh f'dan iż-żmien biex jaħbat mal-Jum Dinji tal-Kummerċ Ġust. F'dawn l-aħħar snin għamilnieh fil-Barrakka ta' Fuq, u fil-fatt ħafna nies jassoċjawh ma' dan il-post mill-isbaħ. Imma din is-sena ħassejna l-bżonn li ndaħħlu bosta elementi ġodda u t-tibdil fil-post kien wieħed minnhom.

Din is-sena għandna wkoll ħafna mistednin Maltin u barranin, attivitajiet ġodda għat-tfal, żewġ diskussjonijiet pubbliċi, kunċert b'mużiċisti u kittieba li qatt ma ħadu sehem qabel, ħafna prodotti ġodda tal-Kummerċ Ġust u prodotti tal-biedja organika Maltija, u l-introduzzjoni ta' żewġ prodotti "ġusti" ġodda li tista' ssejħilhom "lokali/globali." Hemm ġamm tal-lumi, magħmul minn lumi organiku Malti u zokkor organiku tal-Kummerċ Ġust mill-Ekwador, prodott li jlaqqa' flimkien il-biedja sostenibbli lokali u globali. U se jkun hemm ukoll qassatat magħmul mill-Koperattiva Rurali Manikata b'ingredjenti Maltin u bir-ross tal-Kummerċ Ġust.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-WorldFest hija ċelebrazzjoni tal-ġustizzja u s-sostenibbiltà fil-kummerċ dinji. U għalhekk se jkollna għall-bejgħ mijiet ta' prodotti ġusti tal-ikel u l-artiġjanat mill-Amerika Latina, l-Asja u l-Afrika, flimkien ma' prodotti tal-biedja Maltija, fosthom frott u ħaxix organiku frisk u ppreservat.

2. X'inhu l-kummerċ ġust? Għalfejn tenfasizzaw din l-għamla ta' kummerċ? Għaliex kummerċ 'normali' mhux ġust?

Il-Kummerċ Ġust ismu miegħu: jirrispetta d-drittijiet tal-ħaddiema fil-komunitajiet fqar u emarġinati fin-Nofsinhar tad-dinja li ħafna drabi huma vittma ta' inġustizzji kbar. Dan ifisser li l-ħaddiema li jaħdmu l-prodotti u joffri servizzi fil-qasam tal-Kummerċ Ġust mhux biss jitħallsu kemm jistħoqqilhom ta' xogħolhom (ħlas miftiehem magħhom stess) imma jirċievu wkoll ftit ħlas iktar biex ikunu jistgħu jinvestu f'servizzi essenzjali għall-komunità li jgħixu fiha, bħal sptarijiet u kliniċi, skejjel, l-aċċess għall-ilma, infrastruttura fil-villaġġi, rispett tal-ambjent naturali li jgħixu fih...

Meta tara kif il-Kummerċ Ġust biddel il-ħajja ta' miljuni ta' nies fqar tara li dinja iktar ġusta u sostenibbli hija possibbli u ħadd m'għandu għalfejn jaqta' qalbu. Bħala konsumaturi impenjati nistgħu nagħtu kontribut kbir, u ġust, permezz tal-għażliet żgħar imma fundamentali li nagħmlu kuljum. Ħadd ma jista' jgħid li ma jista' jagħmel xejn, li għandu idejh marbutin jew li jgħix 'il bogħod wisq.

Il-mezzi tax-xandir huma mimlijin stejjer tal-waħx ta' nies li jitħallsu bil-loqom għax-xogħol kbir u bla waqfien li jagħmlu; bi stejjer ta' nies li jaħdmu f'kundizzjonijiet tal-biża'; bi stejjer ta' tfal, nisa u rġiel sfruttati fuq il-post tax-xogħol, bla drittijiet u bla leħen ta' xejn. Il-ħin kollu nisimgħu b'xogħol li jagħmel ħsara irreparabbli lill-ambjent li ngħixu fih u lill-ħaddiema. Quddiem dawn l-istejjer li nisimgħu l-ħin kollu rridu nkunu konxji li hemm mod konkret ħafna kif nistgħu naġixxu.

> *Fair Trade is a trading partnership based on dialogue, transparency and respect, that seeks greater equity in international trade. It contributes to sustainable development by offering better trading conditions to, and securing the rights of, marginalized producers and workers – especially in the South. Fair Trade organizations (backed by consumers) are actively engaged in supporting producers, awareness raising and in campaigning for changes in the rules and practices of conventional international trade.*[1]

F'ħafna mill-kummerċ dinji li għandna llum hemm nuqqas kbir ta' djalogu, rispett reċiproku u ġustizzja bejn il-produtturi u dawk li għandhom f'idejhom is-swieq globali. Il-Kummerċ Ġust jaħdem proprju fuq dawn il-prinċipji u għalhekk jemmen f'kolloborazzjoni *fit-tul* bejn il-ħaddiema fin-Naħa t'Isfel tad-dinja u l-organizzazzjonijiet tal-Kummerċ Ġust, ħafna minnhom koperattivi bħal tagħna f'Malta, li jimpurtaw dawn il-prodotti. Dan jagħti ċerta stabbiltà lill-produtturi l-fqar u għax jiggarantilhom prezz ġust fuq medda ta' snin u jgħinhom biex jippjanaw ħajjithom u ħajjet il-familji u l-komunitajiet tagħhom aħjar.

[1] Definition of Fair Trade developed by the four international Fair Trade Associations: FLO-I, IFAT, NEWS! and EFTA in "Fighting poverty and injustice through Fair Trade." December 2006

3. Tista' tagħti ftit fatti u statistiċi?



Illum hemm mal-800,000 ruħ, bejn bdiewa, produtturi u ħaddiema oħrajn f'komunitajiet fqar u emarġinati fl-Asja, l-Amerika Latina u l-Afrika, involuti fil-Kummerċ Ġust. Dawn huma miġburin fi 3,000 organizzazzjoni differenti, l-aktar koperattivi tal-ħaddiema u komunitajiet żgħar.

F'termini globali is-sehem tal-Kummerċ Ġust fil-kummerċ dinji għadu ċkejken, imma l-impatt pożittiv fuq il-ħaddiema l-fqar u l-familji u l-komunitajiet tagħhom huwa straordinarju. Barra minn hekk, il-bejgħ tal-prodotti tal-Kummerċ Ġust qed jiżdied il-ħin kollu u miegħu qed jiżdied b'mod impressjonanti l-għadd tal-ħaddiema involuti fil-produzzjoni u l-voluntiera involuti fil-promozzjoni u l-bejgħ.

Fl-2002 il-bejgħ tal-prodotti tal-Kummerċ Ġust, primarjament ikel u artiġjanat, żdied bi 22% meta mqabbel mal-2001. Dan iġġenera *żieda* fid-dħul ta' 50 miljun Ewro għall-produtturi u l-ħaddiema fin-Nofsinhar tad-dinja. Jidher li dan it-tkabbir qed iseħħ minħabba l-kwalità għolja ħafna tal-produzzjoni u kuxjenza dejjem akbar fl-inħawi tad-dinja fejn jinbigħu dawn il-prodotti, l-aktar l-Ewropa, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Awstralja, New Zealand u l-Ġappun.

F'dawn l-aħħar snin kien hemm l-iżvilupp importanti ħafna tal-ftuħ tas-suq fin-Nofsinhar tad-dinja stess għall-prodotti tal-Kummerċ Ġust. Dan ifisser li l-koperattivi tal-Kummerċ Ġust f'pajjiżi bħall-Indja mhux biss għandhom suq enormi ġdid f'pajjiżhom stess imma l-impatt tat-trasport tal-prodotti fuq l-ambjent jonqos drastikament.

Fl-ewwel sitt snin tas-seklu 21, il-bejgħ tal-prodotti tal-Kummerċ Ġust fl-Ewropa żdied b'rata ta' bejn 20 u 30% *kull sena*. Fl-2006 dan il-bejgħ laħaq iż-żewġ biljun Ewro.

4. Għaliex persuna għandha tattendi l-WorldFest?

L-ewwelnett biex tieħu pjaċir f'ambjent sabiħ u pożittiv. Ġnien l-Indipendenza huwa post ideali biex tagħmel festival bħal dan b'valuri pożittivi. Permezz ta' attivitajiet differenti f'ħinijiet differenti nixtieqų noffru ambjent li fih il-kbar, iż-żgħażagħ u t-tfal jieħdu pjaċir u, jekk hu possibbli,

jieħdu deċiżjoni li jaħdmu għal dinja iktar ġusta u sostenibbli bl-għażliet iż-żgħar, u forsi anki l-kbar, li jagħmlu f'ħajjithom. Hemm mużika, letteratura, ikel Malti, Eritrew, Somalu u Palestinjan, mijiet ta' prodotti maħdumin bl-idejn u b'ġustizzja li se jkunu għall-bejgħ, attivitajiet kreattivi għat-tfal..

5. Tistgħu tgħiduli fil-qosor xi ħaġa fuq il-preżentazzjoni dwar "Fuelling or fooling Europe," u d-diskussjonijiet pubbliċi "If food could speak" u "Meta l-Ikel Jitkellem"?

Wara nofsinhar se jkun hemm tliet attivitajiet ta' informazzjoni u diskussjoni mal-pubbliku preżenti. Fil-5.00pm Friends of the Earth, Malta, se jagħmlu preżentazzjoni dwar "Fuelling or Fooling Europe?" li fiha se jiffokaw fuq il-kwistjoni tat-tkabbir ta' prodotti agrikoli għall-ġenerazzjoni tal-enerġija minflok għall-ikel.

Imbagħad fis-6.00pm jibda l-ewwel forum pubbliku, bl-Ingliż, bl-isem ta' "If food could speak," immexxi minn William Grech. F'dan il-forum se jitkellmu Riccardo Franciolini (mill-Italja), li studja l-agrikoltura fil-gżejjer Mediterranji ta' Elba, Ibiża u Malta; Eric Van Monckhoven, ekoloġista u konsulent Belġjan li jgħix l-Italja li se jitkellem dwar "Healthy Food;" il-Professur tal-Istorja Carmel Cassar li jieħu ħsieb il-moviment Slow Food Malta; l-edukatur Vince Caruana minn Food First Malta, u l-attivista Victor Galea mill-Ager Foundation ta' Għawdex.

It-tieni forum pubbliku li se jkun bil-Malti u se jitmexxa mis-soċjologa Anna Zammit jibda fis-7.00pm. Il-kelliema mistiedna huma Angele Deguara mill-Koperattiva Kummerċ Ġust; Patri Ġwann Xerri OP; Joe Galea, President tal-Koperattiva Rurali Manikata; l-Onor. Evarist Bartolo, mill-PL, li se jitkellem dwar il-problema tal-obeżità f'Malta u s-soċjetà li tippromwovi stil ta' ħajja li jagħmel ħsara lin-nies u jnawwar in-nisġa tas-soċjetà; il-Perit Carmel Cacopardo, AD, li se jitkellem dwar l-ikel u s-sostenibbiltà ambjentali; l-Onor. Philip Mifsud, PN; u Clement Azzopardi, mill-Għaqda tal-Produtturi Gomriża.